# Benefattriċi

## Ewlenija tal-Parroċċa



## Il-Markiża Anna Bugeja

twieldet Napli fis-sena 1830, minn Filippo Darbois u Camilla Henoque. Missier Anna miet ta' età żgħira. Ommha reġgħet iżżewġet lil Domenico Amore.

Fuq it-tfulija t'Anna m'għandniex dawl. Wisq probabbli li ġiet toqgħod Malta m'ommha. Iżżewwġet lil Vincenzo Bugeja, benefattur kbir tal-poplu Malti.

Fl-24 ta' Lulju 1873, il-Markiża kellha udjenza privata mal-Papa Piju IX, fejn tkellmu dwar il-Konservatorju li kien ser jibnu hi u żewġha għat-tfal iltiema. Ġew maħluqa Markiż u Markiża mill-Papa Ljun XIII fis-sena 1883, bħala rikkonoxximent tat-twaqqif tal-Konservatorju.

Għalina, n-nies ta' San Pawl il-Baħar, hija l-akbar benefattriċi. Fit-30 ta" Marzu 1900 ġietha l-ispirazzjoni biex tibni Knisja fil-post tan-nawfraġju, qrib id-dar tal-vileġġatura li kienet fi triq it-torri u tiddedikaha is-Seba' Duluri tal-Madonna. Ix-xogħol tal-bini tal-knisja beda fit-8 ta' Lulju 1901 u ntemm fit-13 ta' Frar 1904. Ħabirket ma' l-Arċisqof Pietru Pace, biex jiddikjaraha parroċċa, kif fil-fatt għamel fid-9 ta' April 1905. Għammret il-knisja b'kull ma kien jeħtieġ u nistgħu ngħidu litteralment li nefqet kollox fil-bini u fl-opri li ħallset.

Kellha mħabba speċjali lejn il-foqra u kienet mara ta' spiritwalità profonda.

Il-Markiża mietet fid-dar tagħha tal-Belt fis-17 ta' Marzu 1916 ta' 86 sena. Il-funeral tagħha sar f'forma privata u tinsab midfuna l-kappella tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja, f'Fleur De Lys. Din is-sena fl-okkażjoni ta' l-anniversarju tal-mewt tagħha. Saritilha quddiesa fil-Parroċċa bis-sehem tal-parruċċani ta' San Pawl il-Baħar, li 90 sena wara għadhom igawdu mill-qalb kbira u ġeneruża li kellha l-Markiża Bugeja.

Fr Joe Cilia OFM Conv.